MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tat-30 ta' April, 2004

Talba Numru. 401/2004

**Alfred Gera & Sons Limited**

**vs**

**Yose Buttigieg**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-16 ta’ Frar, 2004, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ disgha u sittin lira Maltin u sitta u disghin centezmu (Lm69.96) rappresentanti bilanc ta’ prezz ta’ merkanzija lilu supplita u ikkonsenjata mis-socjeta attrici.

Bl-ispejjez u bl-imghax mid-data tal-fattura kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-

kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tat-2 ta' April 2004, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' disgha u sittin lira Maltin u sitta u disghin centezmu (Lm69.96), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------